**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar, 2019**

**Rikors nru: 266/17 AGV**

AC

vs

BD

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-5 ta' Dicembru, 2017 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni flimkien, li minnha twieled tifel, EC, nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (23/11/2008), (Ara kopja tac-certifikat tat-twelid anness bhala Dok 'A' stante l-fatt illi l-original jinsab anness mal-ittra ta' medjazzjoni) u li llum ghandu disa' (9) snin;

2. Illi immedjatament wara li intemmet ir-relazzjoni tal-partijiet, ir-rikorrent mar jghix ghal rasu, u l-intimata talbet lir-rikorrent sabiex jiehu lill-minuri u l-affarijiet personali tal-istess minuri u sabiex jiehu hsieb lill-minuri hu, u fil-fatt il-minuri E ilu jirrisjedi mar-rikorrent b'mod uninterrot sa mis-Sajf tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

3. Illi l-intimata ilha sa minn dak iz-zmien illi tilfet kull interess fil-minuri; kwazi qatt ma titlob biex tarah, tant illi l-ahhar darba illi rat lill-minuri kien qabel il-Milied tas-sena elfejn u sittax (2016), iktar minn sena ilu. Hija lanqas ma taghmel kuntatt mar-rikorrent jew mal-minuri biex imqar tara kif inhu l-minuri binha, jew tawguralu f'ghelqu sninu u okkazjonijiet ohra, tant illi l-ahhar kuntatt da parte taghha mar-rikorrent kien f'Ottubru elfejn u sittax (2016), u hija abbandunat ghal kollox ir-responsabilta taghha bhala Omm;

4. Illi kien hemm drabi fil-passat fejn l-intimata kienet titlob lir-rikorrent ilesti l-minuri biex tarah ftit, izda hija umbghad ma tmurx ghalih u thalli lill-minuri jistenniha ghalxejn, li naturalment kienet twegga hafna lill-minuri. Sfortunatament pero', matul is-snin, tant il-minuri dehra minghajr ma jara lill-Omm, illi llum il-gurnata dehra minghajr il-prezenza taghha f'hajtu, u qatt m'ghadu jistaqsi ghaliha jew isemmiha. Jinghad illi fuq medda ta' iktar minn seba' (7) snin, hu ltaqa` biss mal-Omm madwar ghaxar (10) darbiet ghax hi kwazi insietu ghal kollox. Ghaldaqstant f'dan l-istadju, wara l-assenza tal-Omm dawn is-snin kollha, r-rikorrent ihoss illi jekk ikun hemm access fiss rigoruz akkordat favur l-intimata, dan ser ikun ta' impatt negattiv fuq il-minuri, stante l-fatt illi ghall-minuri, l-Omm hija kwazi kwazi strangiera ghalih;

5. Illi sfortunatament, l-intimata ghandha wkoll l-vizzju tad-droga u l-ftit drabi illi r-rikorrent sema` dwarha minghand terzi jew insertaha fil-pubbliku, hija tkun dejjem tkun taht l-influenza tad-droga, u dan ghalkemm fil-passat kienet bdiet programmi ta' rijabilitazzjoni ta' droga. Ghalkemm l-intimata stess ma turi ebda interess illi tara lill-binha, jekk din l-Onorabbli Qorti taghzel illi takkorda access lill-intimata, dan ghandu jkun taht supervizzjoni, fl-ahjar interess tal-minuri sabiex dan ma jitpogga fl-ebda periklu;

6. Illi n-nuqqas ghal kollox tal-intimata fil-hajja tal-minuri binha qieghed jikkawza problemi serji ghall-minuri. Stante l-fatt illi l-minuri jbati mill-Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD) u d-Dyslexia huwa jirrikjedi l-ghajnuna ta' Learning Support Assistant (LSA) u psikologa tal-iskola fost ohrajn, liema servizzi r-rikorrent kellu jaffaccja ostakoli

kbar biex ikun jista japplika ghalihom minghajr il-kunsens bil-miktub tal-intimata, stante l-fatt illi prezentement il-partijiet ghad ghandhom l-kura u kustodja kongunta tal-minuri. Jinghad illi anke meta finalment irnexxilu jaghmel kuntatt maghha, l-intimata rrifjutat illi tiffirma semplici dokument ta' kunsens sabiex il-minuri jkun jista jkollu l-ghajnuna ta' LSA sabiex tghinu l-iskola;

7. Illi r-rikorrent kellu l-istess problemi meta kellu bzonn japplika ghall-passaport ghall-minuri u kien biss wara kedded kbar illi rnexxilu jottjeni l-firma tal-intimata, u dan biss minhabba ragunijiet ta' pika da parte taghha. Anke meta r-rikorrent jipprova jaghmel kuntatt maghha, hija qatt ma twiegeb it-telefon u ghalhekk tkun difficili issa jekk mhux kwazi impossibli ghalih sabiex igib il-kunsens taghha ghal kull haga illi jkun jehtieg il-minuri;

8. Illi kull tentattiv sabiex jintlahaq ftehim bonarju bejn il-partijiet sfaxxa fix-xejn. Ittra bonarja illi inbghatet lill-intimata fit-28 ta' Gunju 2017 (Ara Dok 'B' anness) sfat minghajr ebda risposta, filwaqt illi jinghad <u>illi l-intimata naqset illi tattendi ghaz-zewg seduti ta' medjazzjoni</u> <u>illi nzammu</u> fis-6 ta' Ottubru 2017 u fl-14 ta' Novembru 2017 rispettivament, li jirrizulta anka mid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat erbatax ta' Novembru elfejn u sbatax (14/11/2017) (Ara Dok 'C' anness). Dan l-attegjament da parte tal-intimata juri n-nuqqas ta' interess assolut illi hija ghandha f'binha minuri u kien ghalhekk illi kellha tigi intavolata din il-kawza;

9. Illi minn naha l-ohra, <u>r-rikorrent ilu jiehu hsieb lill-minuri wahdu ghal dawn l-ahhar seba' (7) snin, minghajr ebda ghajnuna minghand l-intimata, anqas dik finanzjarja, stante l-fatt illi l-intimata qatt ma tghat ebda manteniment lir-rikorrent ghall-minuri jew hallset kwalsiasi mill-ispejjez tieghu</u>. Jinghad illi l-minuri jattendi sessjonijiet ma' psikjatra relatati mal-kundizzjonijiet illi jbati minnhom, li wahedhom gia huma ta' piz konsiderevoli ghar-rikorrent. Stante l-fatt illi l-benessere tal-minuri huwa l-ikbar priorita tar-rikorrent, jehtieg illi jkun jista jiehu d-decizjonijiet necessarji fl-ahjar interess tal-minuri, anka dawk ta' natura straordinarja, minghajr man-nuqqas ta' interess tal-intimata jkompli jservi bhala ostakolu ghal dan;

10. Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment;

11. Illi r-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedi b'din il-kawza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat erbatax ta' Novembru elfejn u sbatax (14/11/2017) (Ara kopja legali annessa u mmarkata bhala Dok 'C');

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet surriferiti, r-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri EC esklussivament f'idejn ir-rikorrent;

2. Tordna illi l-minuri jkompli jghix primarjament mar-rikorrent;

3. Tordna illi m'ghandux ikun hemm id-dritt ta' access versu l-intimata BD u dan fl-ahjar interess tal-minuri E tenut kont tal-assenza kwazi totali tal-Omm f'hajjet il-minuri mill-2010;

4. F'kaz illi din l-Onorabbli Qorti taghzel illi tichad it-tielet talba attrici, tordna illi l-access tal-intimata BD versu l-minuri E ghandu jinzamm taht is-supervizzjoni kontinwa ta' social workers jew taht supervizjoni fl-Agenzija Appogg, u dan fl-ahjar interess tal-minuri, tenut kont il-vizzju tad-droga li tbati minnu l-Omm;

5. Tordna lill-intimata sabiex thallas retta alimentarja ghall-minuri E inkluz inkrementazzjoni perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, tenut kont tal-fatt illi l-intimata qatt ma hallset manteniment ghall-minuri sa mis-Sajf tas-sena elfejn u ghaxra (2010), b'dawk il-modalitajiet kollha li din l-Onorabbli Qorti thoss xierqa u opportuni, inkluz illi l-manteniment pagabbli ghandu jinqata direttament mill-paga tal-intimata jew minn kwalsiasi beneficcji socjali illi hija tircievi u jigi depozitat f'kont bankarju f'isem ir-rikorrent, u fl-eventwalita illi l-intimata ma jkolliex impjieg, l-istess manteniment jithallas permezz ta' *standing order* f'kont bankarju f'isem ir-rikorrent;

6. Tenut kont tal-fatt illi r-rikorrent ikollu diffikultajiet kbar sabiex jaghmel kuntatt mal-intimata, tordna illi sehem l-intimata mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni, terapija ghall-kundizzjonijiet tal-minuri u attivitajiet extra-kurrikulari tal-E jigu inkorporati fil-

manteniment pagabbli lir-rikorrent b'dan illi l-imsemmi manteniment ordnat jirrifletti l-istess spejjez, b'dan ukoll illi dawn jitqiesu bhala parti integrali mill-imsemmi manteniment;

7. F'kaz illi din l-Onorabbli Qorti taghzel illi tichad is-sitt talba attrici, tordna lill-intimata thallas nofs (1/2) l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni, u terapija ghall-kundizzjonijiet tal-minuri u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri E fi zmien gimgha minn mindu r-rikorrent jghaddilha l-ircevuti appoziti jew dokumenti li juru l-hlas, jew percentwal iehor tal-istess skont ma din l-Onorrabli Qorti thoss illi huwa xieraq;

8. Tordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti tali manteniment u spejjez sakemm il-minuri E jaghlaq l-eta' maggorenni jew l-eta ta' tlieta u ghoxrin sena (23) jekk il-wild ikompli jistudja fuq bazi *full-time*;

9. Tordna illi l-minuri E ma jithalliex isiefer minn Malta minghar il-kunsens tar-rikorrent;

10. Tordna illi l-passaport tal-minuri EC ghandu jibqa fil-kustodja tar-rikorrent;

11. Tawtorizza lir-rikorrenti jiehu wahdu kwalsiasi decizjonijiet, anke dawk ta' natura stroardinarji dwar is-sahha, l-edukazzjoni u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, kif ukoll tawtorizza lir-rikorrent jiffirma wahdu kwalsiasi dokumenti necessarji ghall-istess minghajr il-htiega tal-kunsens ulterjuri u/jew firma tal-istess intimata;

12. Tawtorizza lir-rikorrent isiefer mal-minuri minghajr il-htiega tal-kunsens u/jew awtorizzazzjoni ulterjuri tal-intimata;

13. Tawtorizza lir-rikorrent japplika u jottjeni wahdu passaport ghall-minuri EC meta dan ikun jehtieg, minghajr il-htiega tal-kunsens u/jew tal-firma ulterjuri tal-istess intimata BD, u tawtorizza lir-rikorrent jircievi l-istess passaport minghand l-ufficjali inkarigati mill-passaporti minghajr l-htiega tal-kunsens u/jew awtorizzazzjoni ulterjuri tal-intimata BD;

Bl-ispejjez kontra l-intimata illi min issa hija ngunta in subizzjoni.

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tagħti.

Rat li l-intimata hija kontumaci.

**Fatti**

Rat ix-xhieda tar-rikorrent li kien iltaqa' mal-intimata meta hu kellu 22 sena, filwaqt li hi kellha xi 14 jew 15-il sena. F'dak iz-zmien l-intimata diga' kellha tarbija ta' sena li twieldet minn relazzjoni li kellha ma' ragel iehor.

Jispjega li ghall-bidu kienu jiltaqghu ta' hbieb, imbaghad kienu bdew relazzjoni u minn din ir-relazzjoni kien twieled E fit-23 ta' Novembru, 2008. Kienu marru joqoghodu ma' missier l-intimat f'San Pawl il-Bahar u kienet halliet lill-bintha l-ohra ghand ommha ghax l-intimata ma riditx tiehu hsiebha. Imbaghad, kien hemm perjodu meta l-intimata ma kinitx qed tingwalha ma' missier ir-rikorrent u kienu marru jghixu lura ghand omm l-intimata.

Minn hawn beda jkun hemm tensjoni bejniethom peress li omm l-intimata FD ma kinitx tahdem u gieli kienet titlobhom il-flus jew tehodilhom l-ikel u gieli anke kienet tkecci lir-rikorrent minn darha, izda mbaghad kien jerga' jmur lura meta kienet tikkalma.

F'xi zmien wara li twieled E, ir-rikorrent kien konvint li t-tarbija kien irregistrat fuq ismu, izda sar jaf li ma kienx u li l-intimata kienet ghamlet hekk biex tkompli tircievi l-beneficcji socjali u dan peress li ma kinitx tahdem. Qablu li jsir att ta' rikonoxximent tal-minuri quddiem in-Nutar Dr. Patricia Vella Haber fid-9 ta'Awissu, 2010.

Wara li kienu ilhom sena u nofs flimkien, ir-rikorrent kien qabad lill-intimata ma' ragel iehor u dan kien ghall-habta tas-sena 2010 u kien temm ir-relazzjoni taghhom. Kien ghalhekk li fis-sajf tal-2010, l-intimata kienet cemplet lir-rikorrent biex imur jigbor lill-minuri u hemm sab li kienet lestietlu l-affarijiet personali u hwejjeg il-minuri. Kienet qaltlu li kellu jibda jiehu hsieb il-minuri. F'dak iz-zmien, il-minuri kellu xi sena u nofs jew sentejn.

Ir-rikorrent jispjega illi l-intimata kienet bdiet il-vizzju tad-droga wara li kienu hassru. Kienet bdiet toqghod ma' kumpanija mhux tajba. Jammetti li kien thassarha u kien hadha ghand Dr. Anthony Ellul, li kien issuggerixxa li jmorru l-Komunita' Santa Marija, f'Hal Farrug ghall-programm ta' riabilitazzjoni mid-droga. Ighid li kien jaf li l-intimata kienet bdiet zewg

programmi ta' riabilitazzjoni, izda ma kienx jaf jekk kinitx lestithom. Pero' zgur li sas-sena 2017 kienet tidher li kienet ghadha qed tabbuza mid-droga u dan meta kien raha f'karozza hdejn l-iskola ta' San Alwigi tixxengel u titbandal wara l-isteering.

Ir-rikorrent jispjega kif meta l-minuri E mar ighix mieghu, l-intimata xorta wahda kienet baqqghet tircievi l-beneficcji socjali meta ma kinitx intitolata ghalihom. Kien biss f'April, 2016, wara diversi ittri legali li kien beda jircievi c-children's allowance u ftit mill-arretrati li kienu dovut lilu.

Il-minuri E kien mar ighix mar-rikorrent ghal kollox fis-sajf tas-sena 2010. L-intimata ftit li xejn kienet taghmel kuntatt mal-minuri jew tmur tarah. Il-ftit drabi li haditu kienet iccempel lir-rikorrent ftit wara biex imur ghalih, ghax jew ikun ghajjiha jew dejjaqha. Kien hemm diversi drabi fejn l-intimata kienet tinfurmah biex ilesti lill-minuri, ghax tkun se tigbru u mbaghad qatt ma tmur ghalih u f'dawn l-okkazzjonijiet il-minuri kien ikun imwegga' hafna.

Ftit xhur wara, il-kuntatt bejn l-intimata u l-minuri kien waqaf ghal kollox, lanqas fl-okkazzjoni ta' gheluq sninu u lanqas fil-Milied. Ir-rikorrent jispjega kif illum il-gurnata, il-minuri nesa lil ommu u lanqas kien ghadu jsemmiha, madanakollu, kien ighid li "ma thobbux" u li qatt ma tmur izuru.

F'perjodu ta' seba' snin, il-minuri ma ltaqax m'ommu ghal aktar minn ghaxar darbiet, izda fic-cirkostanzi u minhabba l-vizzju tad-droga tal-intimata kien ahjar hekk, ghax kien hemm riskju li peress li l-intimata mhix omm responsabbli, il-minuri kien ikun f'periklu u taht influenza hazina.

Ir-rikorrent jispjega ukoll li l-minuri E kellu problemi ta' Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD) u d-dyslexia u ghalhekk jinsab taht kura ta' medicinali u taht il-kura ta' psikjatra Dr.Ethel Felice. Jammetti li kien qed ihallas hafna spejjes sabiex isegwih. Meta l-minuri kien beda jattendi l-iskola, il-Headmistress kienet issugerit li jkollu Learning Support Assistant) (LSA) peress li kien qed ikollu problem serji biex isegwi l-lezzjoni, kif ukoll minhabba *behavioural problems.* Gara pero' li peress kien jehtieg il-kunsens bil-miktub tal-intimata biex il-minuri jkollu LSA ghalih, din tal-ahhar irrifjutat li tiffirma ghax ghaliha t-tifel kien normali, biex il-minuri spicca biex ikollu LSA "shared." L-intimata, skond ir-rikorrent, lanqas kienet qed tikkoopera ghall-iffirmar tad-

dokumenti rigward il-kunsens ghall-medicini u kura medika mill-iskola tal-minuri. Biex jakkwista l-kunsens kellu darba minnhom sahansitra jgib affidavit tieghu li jkun ghamel quddiem nutar pubbliku.

Ir-rikorrent ikompli juri kif l-atteggjament tal-intimata kien baqa' l-istess tul iz-zmien. Kienet irrifjutat li tiffirma biex il-minuri jkollu passaport gdid biex isiefer man-nannu pattern u  kien biss wara kedded kbar li rnexxiexlu jikkonvinciha u l-istess kien gara meta kellu bzonn lill-intimata biex tiffirma xi dokumenti tal-iskola fejn il-minuri kien se jibda jattendi.

Dawn il-fatti kollu wasslu lir-rikorrent biex jiftah kawza. F' Ottubru, 2016 kienet l-ahhar gurnata li kien ghamel kuntatt mal-intimata u meta jipprova jcemplilha qatt ma tirrispondi. Madanakollu, il-problema hi li l-kura u kustodja tal-minuri hija wahda kongunta u minhabba n-nuqqas ta' komunikazzjoni huwa impossibli li jiddependi fuqha ghal kull beneficcju.

Ir-rikorrent jispicca biex ighid li hu minn dejjem kien jiehu l-bzonnijiet tal-minuri u dan mis-sajf tas-sena 2010, meta l-minuri mar ighix mieghu ghal kollox. Ighid li minn dakinhar l-intimata qatt ma kkontribwit ghall-manteniment tal-minuri u finanzjarjament kien difficli ghalih ghax il-paga tieghu bhala "delivery man" hija wahda limitata, izda mbaghad dejjem pogga l-interessi tal-minuri l-ewwel. Permezz ta' affidavit ulterjuri, ir-rikorrent xehed li kien ittermina l-impjieg tieghu bhala "delivery man" mal-hanut SWD ghax kien wegga' daru fuq ix-xoghol. Minflok kien beda jahdem bhala "packer" ma' fabbrika tad-detergenti mal-kumpanija Cosmoline Limited u kien ilu jahdem hemm sa mill-11 ta' Lulju, 2018.

Ighid li l-paga tieghu netta hija ta' seba' mija tlieta u erbghin Euro u erba' centezmi (€743.04) kull erba' gimghat u dan ma jinkludix bonuses tal-Gvern u overtime, li huwa minimum u mhux garantit. Ghalhekk minhabba l-introjtu baxx, ir-rikorrent jammetti li jsibha difficili biex ilahhaq mal-ispejjez u bzonnijiet tat-tifel minuri, aktar u aktar meta ommu lanqas biss qatt ma kkontribwit ghall-manteniment tieghu minn mindu telqet fis-sajf tas-sena 2010, meta dawn l-ispejjes huma konsiderevoli.

Ir-rikorrent jirrileva illi kien ghamel tentattivi sabiex jaslu ghall-ftehim, izda minkejja l-ittra legali bonarja li baghat fit-28 ta' Gunju, 2017 u z-zewg medjazzjonijiet li gew iffissati u cioe' fis-6 ta' Ottubru, 2017 u fl-14 ta' Novembru, 2017, l-intimata qatt ma rrispondiet jew attendiet ghas-sessjonijiet. Ghalhekk kellu jipprocedi quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Ra x-xhieda ta' GC, missier ir-rikorrent li jispjega kif ipprova jiftah ghajnejn ibnu li l-intimata ma kinitx tghodd ghalih, izda ma riedx jisma'. Kien ghalhekk li pprova jmur tajjeb maghha, specjalment meta kellhom lill-minuri E Ighid li wara li twieled il-minuri kienu marru jghixu mieghu ghall-perjodu. Ighid li l-intimata kellha karattru difficili u kienet tohloq hafna tensjoni fil-familja tieghu. Ighid ukoll li ma kinitx tahdem u qatt ma kkontribwit ghal xi spejjes fid-dar tieghu, anzi kienet tahli u tarmi hafna affarijiet. Wara sena u nofs kien sar impossibbli li jibqghu jghixu mieghu u kienu marru jghixu m'omm l-intimata u meta temmew ir-relazzjoni r-rikorrent kien mar ighix mieghu.

Ix-xhud jispjega kif meta ibnu r-rikorrent kien mar ighix mieghu, kien mar ukoll il-minuri, li f'dak iz-zmien kien ghadu zghir hafna. Peress li r-rikorrent kellu johrog jahdem u hu kien ilu ftit *boarded out* kien jiehu hsieb il-minuri hu. Ighid ukoll li kien ighin lill-ibnu finanzjarjament mill-beneficcji socjali li kien jircievi u dan biex seta' jixtrilu l-ikel u l-hrieqi. Missier ir-rikorrent ighid li finanzjarjament kellhom problemi ghax ir-rikorrent qatt ma kellu x'ímpjieg sura, kien jahdem f'pompa tal-petrol u mbaghad recentement bhala *delivery man*.

Dwar ir-relazzjoni tal-intimata mal-minuri, ighid li ghal bidu meta kien mar ighix mieghu, kienet tmur tarah darba fix-xahar, izda qatt ma kienet tiehdu ghandha. Imbaghad, kienet tarah xi darba kull sitt xhur u hafna drabi kienet tghid li kienet gejja ghalih u kien ilesti lill-minuri u ma kinitx tigi tigbru jew inkella kienet tidher tard hafna meta l-minuri kien ikun rieqed. Dawn l-incidenti kienu wasslu li l-minuri kien ikun imnikket hafna, tant li kien ihoss ghalih. Kien jipprova jiggustifika lill-intimata mal-minuri peress li kienet ommu, izda aktar m'ghadda z-zmien aktar il-minuri beda jirribella u jghid li ommu ma kinitx thobbu. Kien anke beda jkun irrabbjat hafna l-iskola u kien hemm drabi fejn sab il-minuri jhabbat rasu mal-hajt meta kellu madwar erba' jew hames snin.

Irrizulta li l-minuri kien ibati minn Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD) u d-dyslexia, u qiegħed taħt kura medika u minkejja li jircievi l-medicini b'xejn mingħand il-Gvern, xorta r-rikorrent jieħdu privatament għand il-psikjatra Dr.Ethel Felice u jħallas ħafna flus għal dawn il-vizti.

Illum, ighid missier ir-rikorrent, l-intimata m'ghadhiex taghmel kuntatt mal-minuri u s-sitwazzjoni ilha hekk ghal zmien twil, donnu binha ma jezistix aktar ghaliha. Lanqas tikkomunika mieghu fil-Milied jew fl-gheluq sninu.

Dan kollu wassal biex ghal zmien il-minuri kien ihoss hafna n-nuqqas t'ommu u partikolarment meta kienu jaghmlu kartolina l-iskola ghal Jum l-Omm, izda llum peress li ghaddew aktar minn tmien snin, minn mindu ilu jghix maghhom, dehera u lanqas ghadu jsemmi lill-ommu u sab stabbilita' f'hajtu. Ghalhekk, ix-xhud ihoss li jkun ta'detriment ghall-minuri li kieku jkollu jerga' jibda jaghmel kuntatt m'ommu.

Ix-xhud jispjega ukoll kif l-intimata, apparti li ma kinitx prezenti f'hajjet il-minuri, xorta wahda kienet tippika mar-rikorrent, bhal meta bhala rigal ghall-Precett, kien ser jiehu lill-minuri Euro Disney, f'Parigi u r-rikorrent kien dam hafna jaghmel sforzi, l-ewwel biex isib lill-intimata biex tiffirma l-passaport, imbaghad biex tiffirmalu. L-istess kien gara meta r-rikorrent kien ikollu bzonn il-firma taghha ghall-affarijiet relatati mal-iskola u spicca li l-minuri tilef ic-cans li jkollu Learning Support Assistant (LSA) ghalih.

Ix-xhud jistqarr li jkun hazin ghall-minuri li ommu jkollha d-dritt li tiehu sehem fid-decizjonijiet li jikkoncernaw lill-minuri u dan peress li ilha assenti minn hajtu. L-intimata mhux persuna affidabbli.

Jikkonferma ukoll li l-intimata qatt ma kkontribwit lejn il-manteniment tal-minuri u dan meta r-rikorrent jahdem bhala *delivery man* u ghandu paga baxxa u jkun hu li jghinu mill-ftit li jista' biex ikun jista' jixtri l-bzonnijiet tal-minuri, li ilu jghix mieghu ghal dawn is-snin kollha, flimkien mar-rikorrent u ghalhekk kien jista' jitkellem fuq dawn il-fatti.

Rat ix-xhieda ta' HC, hu r-rikorrent. Dan kien ighix ma' missieru ukoll fiz-zmien li kienet marret tghix maghhom B, flimkien mar-rikorrent u ohtu I. Ighid li ma tantx kellu impressjoni tajba ta' B u wara li kellhom il-minuri u bdiet tghix maghhom, bhala familja

ma kinux kuntenti biha hemm. Ma kienet tghin xejn fid-dar u kien hemm mumenti fejn kien sab xi flus nieqsin, minkejja li ma kienx cert li kienet B Jistqarr pero' li ohtu kienet qaltlu li kemm-il darba, l-intimata kienet tuzalha l-make up.

Ix-xhud jispjega kif B qatt ma tat kontribut finanzjarju lejn il-familja taghhom, izda kien jaf fic-cert ukoll li l-familja taghha kellhom problemi finanzjarji u dan minhabba li missierha kien il-habs.

Ix-xhud ighid li l-partijiet kienu ghamlu ftit xhur ighixu hemm, imbaghad kienu telqu u eventwalment marru joqoghdu ma' omm l-intimata, pero' imbaghad kienu temmew ir-relazzjoni taghhom u l-minuri E kien mar ighix mar-rikorrent li kien sadanittant rega' rritorna lura ghand missieru. Fil-bidu, l-intimata kienet tmur tara lill-binha u gieli kienu tiehdu, izda qatt ma kien hemm sleepover, izda mbaghad aktar ma beda jghaddi z-zmien kienet tmur tarah aktar rarament. Apparti minn hekk, meta kienet tiddeciedi li kienet se tigi ghall-minuri, jew kienet tigi tard ghalih jew inkella ma kinitx tigi. L-aghar okkazzjoni kienet meta kienet weghdet lill-minuri li kienet sejra ghalih ghall-gheluq sninu u mbaghad qatt ma marret ghalih u kien hadha bil-kbira. Per konsegwenza, ighid li l-minuri kien ghamel zmien imdejjaq hafna u mbaghad peress li ilu zmien twil ma jara lil ommu donnu dehra u lanqas isemmiha, jew jekk isemmiha ma jsemmix li jixtieq jaraha.

Hu r-rikorrent ighid ukoll kif huh kien fetah qalbu mieghu u kien qallu li l-intimata qatt ma kkontribwit lejn l-ispejjes tal-minuri u xi kultant kien isibha difficli biex ilahhaq bl-ispejjes wahdu, tant li missierhom kien ighinu finanzjarjament. Apparti minn hekk kien qallu ukoll li ghalkemm kien jiehu hsieb il-minuri, l-intimata kienet baqqghet tiehu c-childrens allowance.

Ir-rikorrent kellu ukoll jiffacca diversi problemi kull darba li kellu bzonn il-kunsens tal-intimata. Fil-fatt, ix-xhud isemmi incident partikolari fejn il-minuri kellu bzonn il-punti u t-tobba bdew jinsistu ghall-kunsens tal-intimata qabel ma jsir l-intervent u dan minhabba li kellhom kura u kustodja kongunta.

Rat ix-xhieda ta' J, in rapprezentanza ta' Jobsplus li pprezenta l-*employment history* tal-partijiet. Jirrizulta li l-ahhar impjieg irregistrat tal-intimata kien ma' Support Services Ltd. fit-28 ta' Ottubru, 2016, li minnu rrizenjat fit-27 ta' Dicembru, 2016. Jidher ukoll

mill-Employment History li l-intimata tterminat hafna mill-impjiegi taghha personalment.[1] Jidher li qatt ma rregistrat bhala "unemployed."[2]

Dwar ir-rikorrent mill-*Employment History* tieghu jirrizulta li sal-15 ta' Gunju, 2018 kien jinstab impjegat bhala storekeeper ma' CO-OP Trading Company Limited fuq bazi full time.[3]

Rat ix-xhieda ta' K in rapprezentanza ta' Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, li esebixxa dokumenti biex jikkonferma li r-rikorrent kien qed jircievi l-hlas tac-childrens allowance ghall-minuri E b'effett mill-5 ta' Ottubru, 2013.[4] Ighid li l-intimata baqghet tithallas ic-childrens allowance sal-1 ta' Lulju, 2016, izda mbaghad giet mitluba tirrifondi lura l-allowance li hadet bejn il-perjodu tal-5 ta' Ottubru, 2013 u l-1 ta' Lulju, 2016 u ghalhekk ifisser li thallset ic-childrens allowance sal-4 ta' Ottubru, 2013. Fil-fatt giet mitluba tirrifondi s-somma ta' €3178.89 u dan peress li l-minuri ma kienx ighix maghha f'dan il-perjodu. Minflok thallset is-somma ta' €1849.03 lir-rikorrent fit-2 ta'April, 2016 ghall-perjodu bejn il-5 ta' Ottubru, 2013 u l-1 ta' Lulju, 2016 peress li kien intitolat ghal dawn il-beneficcji li kien ghadu ma rceviex.[5]

Rat ix-xhieda ta' Dr. L, consultant psychiatrist li tikkura lill-minuri E. Tispjega li l-minuri ibati minn kundizzjoni li tissejjah Hyperactive Conduct Disorder, jew ADHD jew HDHD, izda mhux ADHD pura. Tikkonferma li l-medicina li tamministralu hija retalin jew metalfilidate , li huma stimulant biex irendu lill-minuri aktar kalm fl-atteggjament tieghu. Qabel kien hemm problemi l-iskola peress li kien qed ikun aggressiv ma' shabu, ma kienx attent u kien hyperactive. Bil-kura titnaqqas l-impulsivita' u jaghtu kaz aktar ta' dak li qed jigri madwarhom.

Tghid li kien hemm zmien fejn il-minuri kien ghamel hafna progress, izda fiz-zmien meta kienet qed tixhed tghid li kellha rapporti mill-iskola li l-imgieba tieghu regghet qalbet ghall-aghar. Tispjega ukoll li xi kultant problema ohra li jkun qed jaffaccja l-minuri, bhall-problemi familjarji jistghu ukoll iwasslu ghal l-istess effetti tal-ADHD.

[1] Ara DOk JP1
[2] Ara Dok. JP 5
[3] ARA Dok. JP2
[4] Ara Dok.DSS1

Madanakollu, xorta wahda tipprova li tikkontrolla l-imgieba tal-minuri partikolarment fejn tikkoncerna l-iskola.

Dr. L tkompli tispjega li seta' kien hemm zewg ragunijiet ghal dan il-kambjament fl-agir tal-minuri u dan minhabba li kien hemm bidla fil-medicini jew ghax il-medicini godda ma kienux forsi daqshekk effettivi. Tikkonferma ukoll li jista' jkun hemm bidla minhabba ragunijiet ohra, kemm emozzjonali, jew minhabba problemi fil-familja. Dr. L tistqarr li minhabba "waiting list" twila, mhux dejjem facli li tara lill-minuri frekwenti u generalment ikun darba kull sitt xhur, izda dejjem jippruvaw jarawhom qabel, jekk ikun hemm problemi u ma jkunux stabbli. Fil-fatt tikkonferma li fil-kaz ta' E kienet tarah aktar ta' spiss minn kull sitt xhur, imma mbaghad kienet bdiet tarah kull sena meta kien aktar stabbli.

Dr. E kkonfermat ukoll li jista' jaghti l-kaz li xi drabi tfal li jbatu mill-ADHD jkunu jistghu johorgu minnha. Hemm min jaqta' l-medikazzjoni u hemm min jista' jghix hajja normali, izda jsib support. Pero' jekk hemm xi fatturi li qed igieghlu lill-minuri ma jkun stabbli, dawn ghandhom jigu "tackled."

Fuq talba tal-Qorti, Dr. E ddikjarat li ma kinitx tkellmet mal-minuri dwar l-assenza t'ommu, ghax bhala prassi ma jidhlux f'dan id-dettal, peress li tkun qed tarah f'ambjent ta' "outpatients" u apparti minn hekk huwa suggett wisq emozzjonali biex tidhol fih.

Rat ix-xhieda ta' M ghan-nom tal-Agenzija Sedqa li dwar l-intimata spjegat li skond rapport li kellha mahrug mid-Drug Community Team, din kienet bdiet tattendi d-Detox gewwa Guardamangia fil-11 ta' Awissu, 2015 u ghadha tigi segwita minn Dr. George Grech. Tispjega pero' li l-kuntatt tal-intimata mhux konsistenti. F'Awissu, 2015 kellha tidhol Dar l-Impenn u ghamlet gurnata u telqet. L-istess ghamlet fit-18 ta' Awissu, 2015. Imbaghad irritornat id-Detox biex tiehu l-methadone u f'Novembru talbet li jkollha social worker, li kienet N. D kienet iffissat l-appuntamenti, izda mbaghad l-intimata ma kinitx tidher.

Tghid li skond ir-records taghhom, l-intimata kienet attendiet id-Detox tul is-sena 2016, izda ma kinitx attendiet fis-sena 2017. Mis-sena 2018 jirrizulta li kienet regghet bdiet

tattendi u qed tiehu 40ml methadone. Tghid ukoll li fit-8 ta’ Ottubru, 2018 kienet instabet positive bil-coke u ghall-benzones.

Rat ix-xhieda ta’ O, ghan-nom tal-Iskola Primarja San Pawl il-Bahar bhala Kap tal-istess Skola. Tghid li l-minuri E dejjem attenda l-iskola taghha u kien f’Grade 6. Tghid li dejjem ikkomunikat tul dawn is-snin kollha ma’ missieru u gieli kien hemm drabi man-nannu. Tikkonferma li qatt ma kkomunikat mal-omm u lanqas kellha xi numru fejn setghet tikkomunika maghha. Tghid li kien okkazzjonijiet fejn kellhom diffikulta’ peress ghal xi referrals kien ikollhom bzonn il-firma tal-omm, izda mbaghad seta’ jiffirma biss ir-rikorrent u ghalhekk setghu jmexxu.

Dwar l-attivitajiet tal-iskola bhal parents day, tghid li dejjem kien il-missier li kien jattendi u anke kien hu li kien jattendi ghal IP’s u cioe’ l-educational plan mal-LSA tieghu.

Ikkunsidrat

KONSIDERAZZJONIJIET

**Kura u Kustodja**

Dina l-kawza giet miftuha mir-rikorrent biex jitlob il-kura u kustodja eskluziva tal-minuri E u dan partikolarment minhabba li l-intimata kienet halliet lill-minuri mieghu sa mis-sena 2010 u kienet ilha ma tarah u minn meta temmew ir-relazzjoni bejniethom kienet qabdet il-vizzju tad-droga.

Il-partijiet kienu f’relazzjoni u minn dina r-relazzjoni kien twieled il-minuri E Kienu marru jghixu ma’ missier ir-rikorrent u l-familja tieghu, li ma tantx kienet tnizzel lill-intimata. F’dak iz-zmien il-minuri kien ghadu tarbija. Dan gie kkonfermat kemm minn GC, missier ir-rikorrent, kif ukoll minn HC, hu r-rikorrent. Fil-fatt, dan wassal ghal hafna dizgwid bejniethom u telqu mid-dar ta’ missier ir-rikorrent. Imbaghad, il-partijiet kienu ghamlu zmien ighixu go appartament u mbaghad marru joqoghodu m’ommha. Imbaghad ftit xhur wara ddecidew li jtemmu din ir-relazzjoni u l-intimata talbet lir-rikorrent biex tiehu l-minuri mieghu. Ir-rikorrent fil-fatt accetta u marru jghixu lura ghand missieru.

Ir-rikorrent jirrileva illi ghandu jkollu l-kura u kustodja tal-minuri peress li l-intimata abbandunat lill-minuri prattikament mill-bidunett li telqu lil xulxin. Fil-bidu kienet tmur izur lill-minuri xi kultant, imbaghad dawn iz-zjarat kienu jsiru aktar sporadikament u minkejja li kienet twieghed lill-minuri li kienet gejja ghalih, ma kinitx tidher. Dan kien ihalli impatt negattiv hafna fuq il-minuri. Kien iddispjacih meta kienet wieghditu li kienet ser tmur ghalih ghall-gheluq sninu u mbaghad qatt ma tfaccat. Dan kollu gie kkonfermat minn missier ir-rikorrent, kif ukoll minn huh. F'dan iz-zmien, kienet bdiet ukoll tabbuza mid-droga.

Fis-sajf tas-sena 2010, l-intimata kienet waqfghet kull kuntatt ma' binha u jidher li kien ddispjacut, izda aktar m'ghadda z-zmien donnu dehera minghajrha. Il-preokkupazzjoni dwar il-minuri Leon Lee hija li jbati minn ADHD jew ahjar HDHD, mhux pura ADHD kif spjegat minn Dr. L. Wara li gie ezaminat peress li kien qed ikollu atteggjamenti aggressiv l-iskola, kien tpogga taht kura medika. Madanakollu, kien hemm perjodu fejn il-minuri kien stabbli, izda mbaghad rega' kien hemm tibdil fl-imgieba tieghu. Dr. Ltghid li "*ahna rridu naraw x'qed jigri halli nkunu nistghu ahna nittekiljaw dik il-problema u dik l-imgieba nkunu nafu, jista' jkun hemm hafna ragunijiet, kemm emozzjonali, ikun hemm problemi fil-familja, jigifieri dawn jista' ukoll ikollhom effett negattiv fuq it-tfal.*"

Dr. L fissret ukoll li mal-minuri ma tkunx iddiskutiet l-effett tal-assenza ta'ommu f'hajtu ghax dawn huma affarijiet li jqanqlu wisq emozzjonijiet u l-minuri tkun qed tarah f'ambjent ta' outpatients. Generalment dawn it-tip ta' kazijiet jigu riferuti lill-psikologu.

Huwa car daqs il-kristall, li l-minuri E ta' eta' zghira hass in-nuqqas tal-presenza t'ommu f'hajtu. Kemm il-darba kienet twieghdu li kienet se tmur tarah, imbaghad ma kinitx titfacca. Qatt ma kienet prezenti fil-granet ta' gheluq sninu u ghall-Milied. Dan gie kkonfermat kemm mir-rikorrent, kif ukoll minn missieru GC L-unika darba li kienet wieghditu li kienet se tmur tigbru ghall-gheluq sninu, qatt ma kienet dehret u l-minuri kien hadha bil-kbira hafna u hass li kien hemm nuqqas ta' mhabba da parti t'ommu.

Ir-rikorrent xehed li f'medda ta' seba' snin, il-minuri kien rah lil ommu mhux aktar minn ghaxar darbiet, tant li dehra hekk u llum il-gurnata bil-kemm isemmi lil ommu u skond ir-rikorrent kien aktar stabbli u jkun ta' pregudizzju ghalih li kieku issa kellu jerga' jkollu

kuntatt m'ommu, aktar u aktar meta jidher li l-intimata tabbuza mid-droga. M in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg spjegat illi kien hemm zmien fejn l-intimata ppruvat tattendi ghar-riabilitazzjoni, izda kienet inkonsistenti. Tghid li skond ir-records taghhom, l-intimata kienet attendiet id-Detox tul is-sena 2016, izda ma kinitx attendiet fis-sena 2017. Mis-sena 2018 jirrizulta li kienet regghet bdiet tattendi u qed tiehu 40ml methadone, izda anke sa recenti, fit-8 ta' Ottubru, 2018 kienet instabet positive bil-coke u ghall-benzones.

Ir-rikorrent qed jitlob li jkollu l-kura u kustodja eskluzziva u dan minhabba l-problemi kontinwi li qed ikolli jaffaccja kull darba li jkollu bzonn il-kunsens tal-intimata. Meta l-minuri kellu bzonn il-punti, kien martirju shih biex jirnexxielu jikkomunika mal-intimata biex taghti l-kunsens taghha sabiex isir l-intervent. L-istess gara fl-okkazzjonijiet tal-iskola fejn kien hemm bzonn "referrals" jew addiritura fejn kien hemm il-htiega tal-kunsens taghha biex il-minuri jkollu LSA, tant li peress li r-rikorrent ma rnexxielux jaghmel kuntatt mal-intimata, il-minuri spicca biex kellu jaqsam LSA ma' student iehor.

**Manteniment**

Il-problemi finanzjarji jispikkaw f'din il-kawza. Ir-rikorrent qatt ma kellu impjieg tajjeb li jrendi introjtu sostanzjali. Skond ma xehed hu u skond ir-records tal-Jobsplus, illum m'ghadux jahdem "delivery man" mal-hanut SWD ghax kien wegga' daru fuq ix-xoghol. Minflok beda jahdem bhala "packer" ma' fabbrika tad-detergenti mal-kumpanija Cosmoline Limited u ilu jahdem hemm sa mill-11 ta' Lulju, 2018 b'paga netta ta' seba' mija tlieta u erbghin Euro u erba' centezmi (€743.04) kull erba' gimghat u dan ma jinkludix bonuses tal-Gvern u overtime, li huwa minimu u mhux garantit.

Ghalhekk ir-rikorrent minn dejjem kien isibha difficli biex ilahhaq finanzjarjament, minkejja li l-ewwel priorita' tieghu kien ibnu. Kien isib hafna ghajnuna finanzjarja minghand missieru. Biss biss l-ispejjez sabiex il-minuri jsegwi l-kura ghand Dr. L kien iqumu hafna flus u l-intimata qatt ma kkontribwit ghal ebda spejjes. Anzi K, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jikkonferma li l-intimata kienet baqghet tircievi c-childrens allowance, meta l-minuri kien ighix ma' missieru u dan sal-1 ta' Lulju, 2016, izda mbaghad kellha tirrifondi lura dawn il-flus u thallset is-somma ta'

€1849.03 ghall-perjodu mill-5 ta' Ottubru, 2013 u l-1 ta' Lulju, 2016 lir-rikorrent peress li l-minuri kien ighix mieghu. Ilum ir-rikorrent jircievi c-childrens allowance.

Jirrizulta ukoll mill-provi prodotti mill-Jobsplus, li l-ahhar impjieg registrat tal-intimata kien ma' Support Services Ltd. fit-28 ta' Ottubru, 2016, li minnu rrizenjat fit-27 ta' Dicembru, 2016. Jidher ukoll mill-Employment History li l-intimata tterminat hafna mill-impjiegi taghha personalment wara perjodu qasir immens, anke sahansitra wara jumejn u qatt ma rregistrat bhala "unemployed."[6]

Skond K, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, ikkonferma li l-intimata tircievi l-beneficcji socjali fl-ammont ta' €84 kull gimgha.[7]

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

**<u>Kura u Kustodja</u>**

Dina l-Qorti ghandha dejjem kkompitu ardwu quddiemha biex tiddeciedi dwar il-kura u kustodja tal-minuri u dan il-kaz in kwistjoni jimmerita aktar attenzjoni ghax jittratta omm li tabbuza mid-droga u li ilha ma taraha lill-binha ghal zmien twil, binha li diga' jbati mill-kundizzjoni tal-ADHD. Ghalhekk dina l-Qorti ghandha mertu ta' natura delikata immens quddiemha.

Kif ben issottometta r-rikorrent, l-Artikolu 154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi :-

"(1) Bla hsara ta' kull piena ohra li ghaliha jista' jkun suggett skond il-ligi, il-genitur jista' jigi mnehhi mill-Qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgha tal-genituri, jew minn bicca minnhom, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:
……(b) jekk l-imgieba tal-genitur tista' taghmel hsara lit-trobbija tat-tifel; (e) jekk il-genitur jonqos li jaqdi xi wiehed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel."

---

[6] Ara Dok. JP 5
[7] Ara Dok. DSS 2

L-intimata mhix l-omm idejali. Malli ntemmet ir-relazzjoni mar-rikorrent, immedjatament taghtu lill-minuri E, biex irabbih hu. Kienet tmur tarah ftit wisq fil-bidu, imbaghad dawn il-vizti saru aktar rari, sakemm waqfu ghal kollox. Il-fatt li l-minuri jbati mill-kundizzjoni ADHD mhux daqshekk felici fic-cirkostanzi, ghax irid jew ma jridx, tenut kont tal-eta' zghira tieghu, emottivament m'hemmx l-icken dubju li l-assenza t'ommu f'hajtu, halla impatt enormi, kif spjegat ben tajjeb Dr. L tibdil fl-atteggjament tal-minuri jista' jkun ir-riperkussjoni ta' emozzjonijiet u problemi familjari. Din il-Qorti hija konvinta, li ghalkemm missieru u anke nannuh, ihossu li llum il-minuri m'ghadux isemmi lill-ommu u ghalhekk wasal biex sab stabbilita'f'hajtu, din hija haga impossibbli. Ta' kuljum it-tifel minuri E jattendi l-iskola, post fejn hemm hafna attivitajiet li jinvolvu l-ġenituri u anke jekk dina l-Qorti hija konvinta li r-rikorrent zgur jaghmlu hiltu biex ikun dejjem prezenti fit-trobbija ta' ibnu, ir-realta' hija li hafna minn shabu jkollhom lill-ommhom prezenti u indubbjament jirrealizza li huwa differenti, minkejja li trabba f'hafna mhabba u ghozza.

Maghdud dan kollu, din il-Qorti tinstab affrontata pero' b'realta' fejn l-intimata mhux talli hi totalment assenti mill-hajja tal-minuri, talli lanqas probabilment hi konxja tas-sitwazzjoni tal-istess minuri u dan peress li hija kontinwament taht l-effetti ta' sustanzi tad-droga u ghalhekk mhux lucida bizzejjed biex tiftakar li ghandha tifel minuri u li ghandha certu dmirijiet u obbligazzjonijiet lejh.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija mhassba sew dwar x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Ikun ta' beneficcju ghall-minuri li kieku jsir process ta' *bonding* fit-tul m'ommu tramite l-access biex jinbena z-zmien mitluf ftit ftit, izda meta ghandek omm li lanqas qatt m'assumiet responsabbilitajiet fil-konfront ta' binha, qatt ma kienet prezenti fil-granet importanti f'hajtu bhal gheluq sninu u l-Milied u di piu' qatt ma kienet konsistenti f'hajjitha, kemm fl-impjieg taghha, kif ukoll fil-hajja private, billi hija tossikodipendenti, ihasseb lil dina l-Qorti x'stabbilita u responsabbilita' tista' toffri lill-minuri E

Il-minuri huwa tifel vulnerabbli u sensittiv, li ghandu bzonn hafna sapport u bastun ma xiex izomm. Dan kollu mhux se jsibu f''ommu. Missieru minn dejjem kien hemm ghalih, assuma l-figura paterna u materna f'hajjet il-minuri, bl-ghajnuna infallibli ta' missieru, rabbih, ghamel hafna sagrificcji ghalih, mill-ftit li l-finanzi jippermettu u ha hsiebu daqs l-aqwa genitur u ghandu kull ammirrazzjoni minn dina l-Qorti.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi, dina l-Qorti thoss li l-imgieba tal-intimata ma tiggustifax li tippartecipa fil-kura u kustodja tal-minuri.

**Access**

Jekk dina l-Qorti qed tiddeciedi li r-rikorrent ghandu jkollu l-kura u kustodja eskluzziva tal-minuri, issa ghandha l-kompitu l-iehor li tiddeciedi jekk l-intimata ghandiex ikollha access ghall-minuri.

L-artikolu 57(3) tal-Kap.16 tal-Ligiijiet ta' Malta jikkontempla hekk:-

"Il-Qorti tista' tipprojbixxi ghal kollox lil kwalunkwe wiehed mill-ġenituri li jkollhom access ghall-ulied minuri taghhom, meta dan jista' jkun ta' hsara ghall-gid tal-istess minuri jew ghall-gid ta' kwalunkwe wiehed mill-genituri."

Fis-sentenza **Albert Attard vs Maryanne Selvaggi** deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar il-31 ta' Mejju, 2007 fejn il-Qorti rriteniet :-

*"Illi f'materja ta' kura u kustodja, kif ukoll ta' modalita' ta'access, jimpera l-principju li l-interessi tal-minuri huma supremi, íl fuq minn dawk tal-genituri tieghu."*

Illi ssir referenza ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **John Cutajar vs Amelia Cutajar et**. deciza fit-28 ta' Jannar, 1956 fejn il-Qorti rragunat hekk :-

*"apparti l-hsieb ta'ordni morali u dak ta'ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominant "in subiecta materia" li jiddetermina normalment il-kwistjonijiet legali bhal din insorta f'din il-kawza huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkustanzi personali u de facto li jkunu rrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut."*

A skans ta' repetizzjoni, dina l-Qorti diga' tat il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar l-imgieba tal-intimat meta kellha tiddeciedi fuq il-kura u kustodja. Gharblet u damet tahseb

fit-tul fuq il-kwistjoni tal-access qabel ma waslet ghal mod kif ser tippronunzja ruhha fuq dan il-kaz. Jekk thalli l-emozzjonijiet jiggwidawha tasal biex ma cahhadx il-minuri milli jara lil ommu, imma hemm decizjonijiet aktar iebsa minn hekk biex jittiehdu, li jehtiegu li ssir gustizzja mar-rikorrrent u mal-minuri. Ghalhekk m'hemmx lok ghall-empatija, izda hemm post biss ghall-hsieb profond dwar x'ghandu jsir biex il-minuri jkompli jikber b'direzzjoni, b'sens ta' stabbilita' u serenita' li diga' jiggieled biex isibha minhabba l-kundizzjoni tal-ADHD.

Jekk wara ghaxar snin ghandha terga' titfacca ommu f'hajtu, omm li sakemm tirriabilita' ruhha mhux se tkun f'qaghda li taghtih dik id-direzzjoni u stabbilita' u sapport li tant ghandu bzonn, wisq hemm il-biza' li se tqanqal fih hafna emozzjonijiet kontrastanti li se jergghu jhottu dak kollu li t-terapija ta' Dr. L rnexxielha tibni. Il-kundizzjoni tieghu hija regolata permezz tal-medicini u jkun stabbli u seren jekk m'hemmx xi haga li ddejjqu, imbaghad jirrizulta mill-provi, li jekk hemm xi kundizzjonijiet esterni li jxeklu dik l-istabbilita' l-agir tal-minuri jinbidel u jsir aggressiv. Apparti l-fatt li l-effetti tad-droga mhux se jghinu lill-intimata tkun konsistenti, apparti l-periklu li jista' jigi espost ghalih il-minuri. B'hekk din il-Qorti thoss li ma tistax terga' thalli lil dan il-povru minuri jerga' jghaddi mill-martirju li diga' ghadda minnu, li dejjem jibni t-tama li gejja ommu u qatt ma tigi! Mhix lesta li taghmel dan u ghalhekk mhux fl-ahjar interessi tieghu li jkollu access ghal ommu.

**<u>Manteniment</u>**

Dwar il-manteniment, dina l-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet fejn esprimiet ruhha. Fis-sentenza **Gretel Gatt vs Keith Falzon** (231/16 RGM) deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta'April, 2017 irriteniet illi :-

*"Jirrizulta assodat fil-gurisprudenza patria illi l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied b'dan li t-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-istess. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jigi kkalkulat skond id-disposizzjonijiet ta-Artikolu 20 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ahjar skond il-mezzi taghhom u l-bzonnijiet tal-minuri, dejjem fl-interess suprem tal-istess minuri. L-obbligu ghall-manteniment tal-ulied mhuwiex marbut mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Jezistu elementi important in materja ta' manteniment bhal ma*

*huma l-ispejjes bazici ta' spiza ghall-hajja u ghall-edukazzjoni tal-minuri li jridu jigu sodisfatti mill-obbligat, ikun xi jkun id-dhul tieghu sakemm il-Qorti tqis li dak il-minimu ikun fil-possibilitajiet tieghu."*

L-intimata qatt ma kkontribwit lejn l-bzonnijiet tal-minuri, kemm tal-hajja, kif ukoll tal-edukazzjoni u s-sahha, pero' kellha flus biex tiffinanzja l-vizzju taghha. Kien ir-rikorrent li refa' dan il-piz wahdu tul dawn is-snin, anzi l-intimata kellha l-wicc tost kollu li tkompli tiehu c-childrens allowance sas-sena 2016 minn halq binha u lanqas darba ma baghtet xi ammont jew xtratlu xi rigal fl-gheluq sninu jew fil-Milied. Dan mhux agir dehen ta'omm.

Skond il-provi tircievi beneficcji socjali fl-ammont ta' cirka €84 fil-gimgha bhala beneficcji socjali. Il-Qorti tapprezza li dan l-ammont huwa ftit hafna u m'hemmx lok fejn tista' tordna li jkun hemm hlas ta' manteniment kbir, pero'ghal darb'ohra tikkundanna l-agir irresponsabbli tal-intimata li qatt m'ghamlet hilitha biex issib impjieg permanenti, ippruvat tahdem u kienet titlaq anke wara jumejn. Qatt ma rregistrat bhala "unemployed" u fuq kollox ghandha vizzju li zgur ineffaqha hafna flus a pregudizzju tal-minuri.

Tkun ghalhekk haga ngusta li kieku r-rikorrent ghandu jkompli jerfa'dan il-piz wahdu u jkompli jbati l-minuri minhabba r-responsabbilita' ta' ommu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa'l-ewwel talba tar-rikorrent u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E tkun wahda esklussiva ghar-rikorrent;

2.Tilqa' t-tieni talba;

3.Tilqa' t-tielet talba ghar-ragunijiet fuq esposti;

4.Tastjenu milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dina t-talba;

5.Tilqa' il-hames talba fis-sens li tordna li l-intimata thallas manteniment fis-somma ta' mitejn Euros (€200) kull erba' gimghat, li ghandhom jinkludu l-ispejjes ta' edukazzjoni

u sahha, liema manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja, b'dana li dan l-ammont ghandu jinqata' illum direttament mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u jekk kemm il-darba l-intimata tibda tahdem mill-paga taghha u dan l-istess ammont jigi ddepozitat f'kont bankarju f'isem ir-rikorrent u fl-eventwalita' li l-intimata ma jkollhiex impjieg, l-istess manteniment jithallas permezz ta' *standing order* f'kont bankarju f'isem ir-rikorrent.

6. Tastjenu milli tiehu aktar konjizzjoni tas-sitt u seba' talba stante li diga'giet deciza fil-hames talba;

7. Tilqa' t-tmien, id-disa', l-ghaxar, il-hdax, it-tnax u t-tlettax-il talba.

Bl-ispejjes kontra l-intimata.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**